# IT-TIENI PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI
# APPELLI ĊIVILI

**20 ta' Jannar, 1986**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Dr. Mario Rizzo magħruf bħala Dr. Mario Rizzo Naudi M.D.

*versus*

Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku

**Att tat-Twelid – Żball – Korrezzjoni – Kunjomijiet taż-Żewġ Ġenituri**

*Taħt il-liġi tagħna ma hemm ebda projbizzjoni li persuna tuża mhux biss kunjom missierha iżda wkoll dak ta' xbubit ommha flimkien miegħu. Dan però ma jintitolax lil dik il-persuna li tkun li titlob u tottjeni korrezzjoni ta' l-att tat-twelid tagħha biex jiżdied it-tieni kunjom fuq bażi ta' żball għax żball ma jkunx hemm.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; Premess illi fl-Att tat-Twelid ta' l-attur, li jġib in-numru

progressiv erbat elef mitejn u ħamsa u disgħin tas-sena elf disa' mija u tnejn u ħamsin (4295/1952) fl-intestatura ''Missier it-Tarbija'' il-kunjom ''Rizzo ġie erronjament imniżżel u għandu jiġi sostitwit bil-kunjom ''Rizzo Naudi'' (Dok. A); U premess illi fl-istess Att tat-Twelid ta' l-attur, fl-intestatura ''l-omm, fit-tagħrif dwarha, il-kunjom ''Rizzo'' ġie erronjament imniżżel u għandu jiġi sostitwit bil-kunjom ''Rizzo Naudi''; u premess illi fl-istess att tat-Twelid ta' l-attur, fl-intestatura ''Firma tal-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni'' l-kunjom ''Rizzo'' ġie erronjament imniżżel u għandu sostitwit bil-kunjom ''Rizzo Naudi''; U premess illi kemm missier l-attur, kif ukoll l-attur u ħutu minn dejjem kienu magħrufa bil-kunjom ''Rizzo Naudi'' u mhux bil-kunjom ''Rizzo'' kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; Talab li din il-Qorti tordna l-korrezzjoni fl-att tat-Twelid ta' l-attur fuq indikat, u ċjoè (1) fl-intestatura jitħassar u jiġi sostitwit bil-kunjom ''Rizzo Naudi''; (2) fl-intestatura ''Firma tal-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni'' l-kunjom ''Rizzo'' jitħassar u jiġi sostitwit bil-kunjom ''Rizzo Naudi'', bl-ispejjeż kontra l-konvenut *nomine;*

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu u d-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal (1) illi preliminarjament iċ-ċitazzjoni hija nulla billi qed issir mill-attur f'isem ċjoè kunjom li ma jappartjenix lilu skond il-liġi; (2) illi bla preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u konsegwentement fid-dritt billi fl-att tat-twelid numru 4295/52, ma hemm ebda ''żball'' li jirrikjedi 'korrezzjoni' u għalhekk l-istess talbiet għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur; salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u n-nota tax-xhieda tiegħu u d-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tat-2 ta' Frar, 1983 fejn ġiet ordnata l-korrezzjoni fl-isem ta' l-attur billi dan isir "Dottor Mario Rizzo magħruf bħala Dottor Mario Rizzo Naudi M.D.";

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Lulju, 1984 li biha laqgħet l-ewwel talba attriċi però ċaħdet it-tieni talba dwar il-firma u ordnat li l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-attur u dan kollu wara li kkunsidrat:

"Illi l-attur qed jitlob il-korrezzjoni fl-att tat-twelid";

"Illi missier l-attur Antoine (ċertifikat tat-twelid a fol. 9 tal-proċess) li twieled fil-25 ta' Jannar, 1924, hu iben Vinceno Rizzo u Maria Stella neè Naudi";

"Illi l-istess Antonio Rizzo *sive* Rizzo Naudi dejjem kien magħruf bil-kunjom ta' "Rizzo Naudi" kif jidher fid-dokumenti esebiti a fol. 32 – ċertifikat taż-żwieġ, fol. 33 – *membership Card* fol. 35 – *life insurance,* fol. 36 – *telephone number,* fol. 38 u fol. 39 folji mir-Reġistru Elettorali;

"Illi għalhekk il-Qorti hija sodisfatta li Anthony Rizzo Naudi dejjem ġab dan il-kunjom ta' Rizzo Naudi, sa mid-data taż-żwieġ u għalhekk meta twieled l-attur fl-1952, missieru kien Anthony Rizzo Naudi u għalhekk l-attur irid jieħu dan il-kunjom";

"Illi l-attur dejjem uża dan il-kunjom, kif jirriżulta mix-xhieda prodotti u anki mid-dokumenti esebiti fosthom kontijiet

ta' l-iskola fejn kien imur, anki ċertifikati ta' l-Università ta' Malta (ara fol. 5, fol. 6, fol. 29 u fol. 30 tal-proċess);

"Illi għalhekk il-Qorti hija sodisfatta li l-ewwel talba attriċi hija ġustifikata però rigward it-tieni talba dwar il-firma din għandha tiġi miċħuda għax tikkonċerna firma ta' persuna li għoġobha tiffirma hekk (Zammit *vs* Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Prim'Awla, 1 ta' Marzu, 1982)";

Rat a fol. 53 in-nota ta' l-Appell tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku u a fol. 55 sa 60 il-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li biha talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma u tvarja s-sentenza appellata bill fil-waqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ċaħdet it-tieni talba attriċi u ċjoè t-talba sabiex fl-intestatura "Firma tal-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni" l-kunjom "Rizzo" jitħassar u jiġi sostitwit bil-kunjom "Rizzo Naudi", kif ukoll tikkonfermaha in kwantu ordnat li l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-attur, tirrevokaha, tħassarha u tannullaha fil-bqija u ċjoè in kwantu laqgħet l-ewwel talba attriċi sabiex fl-intestatura "Tagħrif dwar missier it-tarbija u l-omm" il-kunjom "Rizzo" jitħassar u jiġi sostitwit bil-kunjom "Rizzo Naudi", u minflok, wara li tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-appellant, tirrespinġi wkoll dina l-ewwel talba ta' l-attur, bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellat;

Rat a fol. 61 sa 62 ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur li biha għar-raġunijiet fiha kkontenuti talab li l-appell tal-konvenut jiġi respint bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

Rat l-atti kollha li huma rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi kif se jiġi spjegat l-appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jimmerita li jiġi akkolt;

L-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għal konklużjoni illi missier l-attur appellat dejjem kien magħruf bħala li kunjomu hu "Rizzo Naudi" u li għalhekk l-Ewwel talba attriċi kienet ġustifikata;

Kif sewwa ssottometta l-appellant però l-kawżali ta' din it-talba hi li kunjom missier l-attur "ġie erronjament imniżżel" fl-att tat-twelid ta' l-attur billi flok "Rizzo Naudi" tniżżel "Rizzo";

Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti taħt ebda ċirkostanza ma jista' jingħad li saret il-prova li kunjom missier l-attur mhux "Rizzo" jew li tniżżel ta' "Rizzo" fl-att tat-twelid ta' l-attur jammonta għal xi żball li jirrikjedi xi korrezzjonijiet. Fl-atti tal-kawża jinsab esebit ukoll l-att tat-twelid ta' missier l-attur. Dan juri li twieled bil-kunjom "Rizzo" li hu kunjom missieru però sussegwentement beda juża flimkien miegħu anki l-kunjom matern ċjoè "Naudi" b'mod li sar magħruf bħala "Rizzo Naudi". Dan però ma jfissirx li ġie kkreat xi żball fl-att tat-twelid tiegħu. Taħt il-liġi tagħna ma hemm ebda projbizzjoni li persuna tuża mhux biss kunjom missierha iżda wkoll dak ta' xbubit ommha flimkien miegħu. Dan però ma jintitolax lil dik il-persuna li tkun li titlob u tottjeni korrrezzjoni ta' l-att tat-twelid tiegħu biex jiżdied it-tieni kunjom fuq bażi ta' żball għax żball ma jkunx hemm;

Fil-każ in deżamina missier l-attur, meta mar jirreġistra t-twelid ta' ibnu Mario ċjoè l-attur iddikjara kunjomu bħala Rizzo

u mhux bħala Rizzo Naudi. Għalkemm ta' wieħed x'jifhem li dan kien kostrett jagħmlu għax iddiriġieh f'dak is-sens min irċieva l-att, jirriżulta li hu stess ammetta fix-xiehda tiegħu li hu kien juża bħala kunjom daqqa Rizzo u daqqa Rizzo Naudi. Dak li hu importanti però hu l-fatt li meta ddikjara li kunjomu huwa Rizzo ma kien qed jikkometti ebda żball għax verament dak kien kunjomu. L-aġġunta tal-kunjom "Naudi" ma kinitx xi ħaġa li tathielu l-liġi iżda kienet xelta tiegħu li benchè leġittima però ma kinitx tbiddillu xejn mill-att tat-twelid tiegħu li kien juri li kunjomu verament huwa Rizzo. Missier l-attur seta' kieku ried indika kunjomu bħala Rizzo Naudi fuq l-att imsemmi u l-pożizzjoni kienet tkun differenti għax *in forza* ta' l-istess liġi mbagħad uliedu kienu jistgħu jgħidu li kunjomhom uffiċjali kien Rizzo Naudi; però la ma sarx hekk u ġà la darba m'hemmx żball fl-att tat-twelid *de quo* ma jistax l-attur jitlob korrezzjoni fuq bażi ta' żball. Kif inhuma l-affarijiet ma hemm xejn x'iżomm l-attur milli jekk irid jagħmel xi azzjoni oħra li talvolta tista' twassal għal xi annotazzjoni fl-att tat-twelid tiegħu. Iżda ċertament m'għandux dritt jallega li kunjom missieru kif imniżżel fl-att tat-twelid tiegħu (ta' l-attur) hu żbaljat u għalhekk l-azzjoni odjerna, li hi bbażata fuq tali allegazzjoni, bilfors trid taqa' u l-appell tal-konvenut jiġi akkolt;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku billi tilqa' l-istess u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tirrevokaha fejn laqgħet l-ewwel talba ta' l-attur, tilqa' minflok l-eċċezzjoni tal-konvenut appellant, u konsegwentement tiċħad dik l-ewwel talba ta' l-attur kif ikkonċepita, u tikkonferma l-kumplament kollu tas-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell ikunu a kariku ta' l-attur appellat.